16 SEP 2026

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 631**

**It-Tnejn 17 ta' Awwissu, 2026**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar fis-6.07 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Toshera Schembri – Kunsilliera
Carlo Scicluna - Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Leone Sciberras – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 631.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji

631.1.1 Inqraw ittri t' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku, mis-Sur Mark Grech u mis-Sur Leone Sciberras fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku, is-Sur Mark Grech u s-Sur Leone Sciberras jkunu skużati.

## 631.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

631.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-minuti tas-630 laqgħa ġew unanimament approvati.

## 631.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

631.3.1 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju tal-Kummissjoni Armar tal-Grazzja, f'isem is-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ, li permezz tagħha ntalab il-permess tal-Kunsill sabiex jitwaħħal vent għall-armar mal-binja taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku spjega li ċ-Ċentru Ċiviku mhix proprjetà tal-Kunsill iżda tal-Awtorità tal-Artijiet. Is-Sur Buttigieg irrimarka li min-naħa tiegħu, il-Kunsill m' għandux isib oġġezzjoni għat-twaħħil tal-imsemmi vent. Is-Sindku qal li għandha tintbagħat tweġiba lis-Soċjetà fejn jiġi indikat li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għat-talba, filwaqt li s-Soċjetà għandha tirreferi l-istess talba lill-Awtorita tal-Artijiet sabiex tikseb l-awtorizzazzjoni meħtieġa peress li l-binja taqa' taħt ir-responsabbiltà tagħhom.

631.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti, li bħas-sena li għaddiet matul il-perjodu tal-festa, ser terġa' issir id-dekorazzjoni tal-binja taċ-Ċentru Ċiviku bil-liedna u b'fustuni bil-kuluri blu, aħdar u isfar. Is-Sindku qal ukoll li s-sena li għaddiet, fuq talba tas-Supretendent ta' dak iż-żmien, il-liedna li kienet twaħħlet mal-parti tal-faċċata tal-Għassa tal-Pulizija kellha titneħħa. Is-Sindku kompla jgħid li din is-sena, wara li kkonsulta mas- Supretendent il-ġdid dwar it-tqegħid tal-liedna mal-faċċata tal-Għassa, is- Supretendent ikkonferma li ma jsib l-ebda oġġezzjoni sabiex din id-dekorazzjoni ssir.

631.3.3 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand is-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ sabiex nhar is-Sibt tal-festa, waqt il-ħruq tan-nar, tiġi riservata ż-żona fejn hemm ir-*roundabout* ta' Triq tal-Labour sabiex jitqiegħdu siġġijiet iħarsu lejn l-għelieqi, biex minn hemm il-pubbliku jkun jista' isegwi l-ħruq tan-nar. L-aċċess għal din iż-żona ser ikun bi ħlas. Is-Sindku spjega wkoll li l-Kunsill ser jingħata numru ta' siġġijiet riservati mingħajr ħlas għall-Kunsillieri u għall-membri tad-delegazzjonijiet barranin li jkunu qed iżuru Ħaż-Żabbar matul il-festa. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament it-talba mressqa mingħand is-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-membri preżenti sabiex jikkonfermaw l-attendenza tagħhom bil-għan li jiġu riservati s-siġġijiet meħtieġa għal dawk li jkunu ser jattendu.

631.3.4 Is-Sindku għamel referenza għall-korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel li permezz tagħha ntalab il-permess sabiex jitwaħħlu bnadar mal-istrutturi tad-dawl fi Triq is-Santwarju. Ġie indikat li dawn il-bnadar ser jitneħħew l-għada tal-marċ tal-Ħadd, 23 ta' Awwissu 2026. Is-Sindku spjega li din it-talba kienet identika għal dik imressqa fis-sena preċedenti u, għaldaqstant, kien informa lill-Għaqda li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni għat-talba.

631.3.5 Is-Sindku għamel referenza għall-korrispondenza li permezz tagħha ġiet proposta kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali fl-attività li ser tittella' nhar il-Ħadd, 30 t' Awwissu 2026 fuq iz-zuntier tas-Santwarju fl-okkażjoni tal-75 anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari tal-Madonna tal-Grazzja. Ġie spjegat li l-attività ser tinkludi l-wiri ta' dokumentarju mħejji apposta fuq skrin ta' daqs kbir, proġezzjoni fuq il-faċċata tas-Santwarju dwar l-istorja tal-Kwadru Titulari, kif ukoll it-tnedija ta' armar ġdid li ser jiġi inawgurat għall-ewwel darba fl-okkażjoni ta' dan l-anniversarju, filwaqt li l-ispiża stmata għas-*sound*, dawl u servizzi oħra relatati tammonta għal bejn €3,000 u €3,500. Is-Sindku spjega li l-Kunsill għandu baġit annwali stabbilit għall-attivitajiet kulturali, u fid-dawl tad-diversi talbiet li jaslu matul is-sena, m'huwiex possibbli li jiġu milqugħa t-talbiet kollha jew li f'kull każ tingħata l-kontribuzzjoni sħiħa mitluba. Is-Sindku żied jgħid li matul din is-sena kien hemm ukoll spejjeż addizzjonali mhux previsti li ser jiġu spjegati aktar 'il quddiem, filwaqt li jiġu riservati fondi biżżejjed għat-tiżjin tal-Milied. Is-Sindku inizjalment ippropona li l-Kunsill jalloka €1,000 bħala nefqa relatata mal-kollaborazzjoni f'din l-attività. Is-Sur Buttigieg staqsa jekk setgħetx tiġi kkunsidrata żieda fl-allokazzjoni fid-dawl tal-fatt li din is-sena taħbat il-75 anniversarju, u għalhekk kien mistenni li jsiru aktar ċelebrazzjonijiet li jinvolvu spejjeż akbar. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li din kienet sena ta' importanza partikolari u għaldaqstant għandha tiżdied n-nefqa proposta. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ma jingħatax fondi speċifiċi għall-organizzazzjoni tal-attivitajiet kulturali, iżda xorta waħda jirnexxielu jorganizza diversi attivitajiet permezz ta' ġestjoni għaqlija tar-riżorsi disponibbli u b'kollaborazzjoni ma' diversi għaqdiet, filwaqt li fakkar li din is-sena, wara diversi snin, il-Kunsill reġa' beda jorganizza attivitajiet b'kollaborazzjoni ma' St Patrick's FC. Is-Sur Carlo Scicluna staqsa dwar il-fondi ta' €20,000 allokati mir-Reġjun Port għall-attivitajiet kulturali. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ma kien irċieva l-ebda risposta dwar il-proposta li kien ressaq, u li f'dan l-istadju, ma kienx għad fadal żmien biżżejjed sabiex tiġi organizzata l-attività proposta fuq iz-zuntier relatata mal-75 anniversarju mill-Inkurunazzjoni. Matul id-diskussjoni, is-Sur Joseph Buttigieg għamel referenza għall-karnival u għal attivitajiet oħra organizzati mill-Kunsill, filwaqt li s-Sur Carlo Scicluna semma l-attività relatata mal-Vulcan, u rrimarkaw li għal dawn l-attivitajiet il-Kunsill kien sab il-fondi meħtieġa. Is-Sindku ċċara li kemm il-karnival kif ukoll l-attività msemmija kienu ġew organizzati permezz ta' skemi tal-Gvern u għaldaqstant ma kinux iffinanzjati direttament mill-baġit ordinarju tal-Kunsill. Is-Sindku tenna li l-kwistjoni ma kinitx nuqqas ta' rieda li tiżdied il-kontribuzzjoni, iżda l-ħtieġa li l-Kunsill jaħdem fil-limiti tal-baġit disponibbli u jqis ukoll attivitajiet kulturali oħra ppjanati. Is-Sur Buttigieg irrimarka li meta jkun hemm ir-rieda, il-Kunsill isib il-fondi, u għamel referenza għall-ispejjeż relatati ma' safar kif ukoll max-xiri tat-Teatru Hompesch. Is-Sindku ċċara li t-Teatru Hompesch kien inxtara permezz tar-*retained funds* u sostna li hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jiddeċiedi l-ammont tan-nefqa fuq kull kollaborazzjoni u mhux l-għaqdiet. Dan filwaqt li jiżgura

ġestjoni finanzjarja prudenti u jevita li l-Kunsill jispiċċa b'defiċit. Wara d-diskussjoni, is-Sindku ppropona li l-kontribuzzjoni tal-Kunsill għal din l-attività tkun ta' €2,000, VAT inkluż, u li jekk ikun meħtieġ, il-fondi neċessarji jiġu mnaqqsa minn affarijiet oħra. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sinjorina Toshera Schembri, il-Kunsill approva unanimament nefqa massima ta' €2,000, VAT inkluż, bħala kontribuzzjoni għall-kollaborazzjoni f'din l-attività.

631.3.6 Is-Sindku għamel referenza għall-korrispondenza mibgħuta mis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ, dwar applikazzjoni għal fondi mingħand il-*Planning Authority* għall-installazzjoni ta' *lifts* ġodda fis-sede tas-Soċjetà, bi spiża stmata ta' madwar €70,000. Ġie spjegat li bl-involviment tal-Kunsill, is-Soċjetà tkun tista' tapplika għall-massimu tal-fondi eliġibbli, jiġifieri sa 100% minflok 70%, mingħajr ebda impenn finanzjarju min-naħa tal-Kunsill, għajr għall-ħruġ tal-komunikazzjoni uffiċjali meħtieġa sabiex tkun tista' titkompla l-applikazzjoni. Is-Sindku qal li huwa ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba u fakkar li fil-passat, il-Kunsill kien approva talbiet simili mill-Mużew tas-Subien u mill-Azzjoni Kattolika. Is-Sindku qal li kien ser jivverifika f'liema stadju waslu dawn l-applikazzjonijiet sabiex l-għaqdiet ikkonċernati jingħataw l-istess opportunità li jibbenefikaw mill-fondi disponibbli. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jilqa' t-talba tas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ.

631.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet daħlet fis-seħħ proposta nkluża fil-manifest elettorali, relatata mal-*performance bonus* tal-ħaddiema tal-*Community Work Scheme*. Permezz ta' din il-miżura, il-*performance bonus* żdied minn 5% għal 10% u ser jitħallas f'żewġ pagamenti matul is-sena, bir-rata ta' 5% f'Lulju u 5% f'Diċembru. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-*performance bonus* skont dawn il-kundizzjonijiet. Is-Sindku żied jgħid li din in-nefqa tammonta għal spiża addizzjonali ta' €5,156 u kienet waħda mill-ispejjeż mhux previsti fil-baġit tal-Kunsill li għalihom kien għamel referenza aktar kmieni matul il-laqgħa.

631.3.8 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li ġew approvati d-DNOs relatati mal-*bus shelters* fi Triq il-Marżebb u fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok. Is-Sindku żied jgħid li l-approvazzjonijiet relattivi ġew mgħoddija lill-kumpanija *Faces* sabiex tkun tista' tipproċedi bix-xogħlijiet meħtieġa. Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa f'hix wasal il-*bus shelter* fi Triq Wied il-Għajn. Is-Sindku qal li l-*bus shelter* kien ġo art privata, u meta kienet qed issir it-triq kien hemm il-ħsieb li jiġi rilokat quddiem residenza privata, aktar 'l isfel, iżda s-sidien kienu oġġezzjonaw li jsir quddiem ir-residenza tagħhom. Is-Sindku żied jgħid li kien ser jagħmel kuntatt ma' Infrastruttura Malta sabiex jivverifika f'hix wasal dan il-każ u x'kien ġie deċiż fir-rigward tar-rilokazzjoni tal-*bus shelter*.

631.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-*Planning Authority* kienet ħarġet il-permess meħtieġ għar-rilokazzjoni tal-bust ta' Ferdinand von Hompesch minn Misraħ tal-Madonna Medjatriċi għall-bitħa tal-Kunsill. Ix-xogħlijiet mistennija jibdew wara l-festa tal-Madonna tal-Grazzja.

631.3.10 Is-Sindku tkellem dwar talba li l-Kunsill irċieva minn resident li joqgħod fi Trejqet il-Mitħna peress illi m' hemmx bankina u qal li vetturi kienu qed jipparkjaw mal-bieb ta' barra u jiżgumbraw il-bieb. Minħabba f'hekk il-Kunsill kien għamel il-*hatching lines* sabiex isolvi l-problema temporanjament. Is-Sindku qal illi kif ikun hemm il-kuntrattur tal-Kunsill disponibbli jew ikollna l-ħaddiema tar-Reġjun, kienet ser tkun qed issir il-bankina sabiex tissolva din il-problema.

631.3.11 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li matul il-ġurnata ta' wara kienet ser issir laqgħa mad-Direttorat tat-Tindif sabiex jiġu diskussi u kordinati s-servizzi tat-tindif meħtieġa għall-festa tal-Madonna tal-Grazzja.

631.3.12 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti dwar is-seduta tat-Tribunal relatata mal-applikazzjoni PA 05308/25, għal sit vakanti fi Triq il-Kaħwiela kantuniera ma' Triq Wied il-Għajn u Triq Ħas-Sajjied, Ħaż-Żabbar, fejn qed jiġi propost żvilupp ta' Dar tal-Anzjani f'żona ODZ. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kellu jippreżenta risposta legali quddiem it-Tribunal u li l-ispiża għal dan is-servizz legali ammontat għal €3,000, VAT eskluż. Fir-rigward tal-appell imressaq mill-Kunsill dwar żvilupp ta' Dar tal-Anjani fuq ħames sulari f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, is-Sindku nforma lill-membri li kienet inżammet is-seduta quddiem it-Tribunal u issa kien mistenni li tingħata d-deċiżjoni finali. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet li l-ispejjeż kollha relatati mal-oġġezzjonijiet imressqa mill-Kunsill matul din is-sena fir-rigward ta' żviluppi proposti għal djar tal-anzjani ma kinux previsti fil-baġit tal-Kunsill, u għaldaqstant kienu jikkostitwixxu nefqa addizzjonali mhux ippjanata.

631.3.13 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta minn Povoa de Varzim dwar kollaborazzjoni ma' MAPADI, li permezz tagħha l-Kunsill ġie mistieden jipparteċipa fil-Programm ta' Skambju dwar id-Diżabilità u l-Inklużjoni Soċjali li ser isir bejn is-16 u t-23 t' Ottubru 2026 f'Póvoa de Varzim, il-Portugal. Is-Sindku spjega li d-delegazzjoni minn Ħaż-Żabbar għandha tkun komposta minn żewġ persuni sabiex jagħtu appoġġ lill-parteċipanti. Il-programm ser jinkludi diversi attivitajiet immirati lejn l-inklużjoni, il-parteċipazzjoni attiva, il-ħidma kollaborattiva, il-benesseri u l-integrazzjoni soċjali. Ġie spjegat ukoll li l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni, it-trasport lokali u l-ikel ser jiġu koperti mill-organizzaturi, filwaqt li l-Kunsill ikun responsabbli għall-ispejjeż tat-titjiriet lejn il-Portugal. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk is-Sur Leone Sciberras kienx ġie infurmat b'din il-korrispondenza.

631.3.14 Fis-6.46 ta' filgħaxija il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti sabiex id-diskussjoni issir fi stadju ta' kumitat.

631.3.15 Fis-6.54 ta' filgħaxija il-laqgħa tkompliet.

631.3.16 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa fil-programm ta' skambju u li l-għażla tal-persuni li ser jieħdu sehem tiġi diskussa mal-Kunsillier responsabbli mid-dekasteru tal-Inklużjoni Soċjali.

631.3.17 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva stedina sabiex delegazzjoni mill-Kunsill iżur Montgeron fi Franza bejn it-2 u l-4 t' Ottubru 2026.

Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi membru tal-Kunsill interessat li jagħmel parti mid-delegazzjoni f'każ li ma jkunx possibbli għalih li jattendi. Is-Sur Joseph Agius esprima l-interess tiegħu li jkun membru tad-delegazzjoni. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li delegazzjoni f'isem il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar iżżur Montgeron.

631.3.18 Is-Sindku tkellem dwar id-diversi xogħlijiet li kienu għaddejjin f'Ħaż-Żabbar u qal li l-kuntrattur tal-Kunsill kien qed iwettaq xogħlijiet ta' żbir ta' siġar f'diversi żoni tal-lokalità, filwaqt li Ambjent Malta kienet wettqet xogħlijiet taż-żbir tas-siġar fi Triq il-Mina ta' Hompesch. Fir-rigward tax-xogħlijiet fi Triq il-Kbira Sqaq Nru 4, is-Sindku qal li kien diġà ingħata l-konkos u kien għad fadal it-tqegħid tal-madum *tactile* u t-twaħħil tar-*railings* tal-ħadid sabiex jitkompla x-xogħol. Wara l-festa kienu ser jitqiegħdu wkoll il-qsari l-ġodda, li sussegwentament jiġu mqabbda mas-sistema tal-irrigazzjoni. Dwar ix-xogħlijiet ta' restawr tal-faċċata taċ-Ċimiterju, is-Sindku qal li l-*iscaffolding* kien tneħħa u l-kanċell kien twaħħal, filwaqt li kien għad fadal xi xogħlijiet ta' tikħil u interventi żgħar sabiex ix-xogħol jiġi ffinalizzat. Fir-rigward tar-restawr tal-Mużew tas-Santwarju, is-Sindku spjega li l-*iscaffolding* fuq in-naħa ta' wara kien tneħħa temporanjament għal raġunijiet ta' sigurtà matul il-perjodu tal-festa, sabiex jiġi evitat li persuni jitilgħu fuqu. Is-Sindku żied jgħid li x-xogħlijiet kienu ser jerġgħu jibdew immedjatament wara l-festa tal-Madonna tal-Grazzja. Is-Sur Joseph Buttigieg ġibed l-attenzjoni għall-fatt li fi Triq il-Mina ta' Hompesch, fil-viċinanzi tal-Istitut San Ġużepp, kien qed isir parkeġġ ta' vetturi fuq il-bankina u kien qed jinħoloq periklu għall-*pedestrians*. Is-Sindku qal li f'din iż-żona suppost hemm *bollards* tal-ħadid u li jekk dawn ma kinux għadhom f'posthom, il-Kunsill kien ser jressaq dan l-ilment lil Transport Malta sabiex tittieħed l-azzjoni meħtieġa. Il-Kaptan Patrick Barbara reġa' għamel referenza għal ilment li kien ressaq dwar il-bankina maġenb il-*bus stop* 'Newl' fi Triq Villabate. Il-Kaptan Barbara spjega li kien għadu qed jirċievi diversi rapporti dwar il-fatt li l-bankina tispiċċa f'nofs it-triq u li mmedjatament warajha hemm spazju għall-ipparkjar tal-vetturi, bil-konsegwenza li l-persuni mexjin ikollhom joħorġu għal ġol-karreġġjata sabiex ikomplu fi triqithom. Il-Kaptan Barbara talab li tittieħed azzjoni sabiex din is-sitwazzjoni tiġi indirizzata. Is-Sindku qal li kien ser jagħmel kuntatt ma' Transport Malta dwar il-kwistjoni.

631.3.19 Is-Sindku ppropona li jekk il-Kunsill ikollu l-opportunità li jibbenefika minn skema ta' finanzjament, għandha tinħoloq struttura apposta madwar il-*Madonna tal-ġebel* fi Triq is-Santwarju, bħala alternattiva għall-*scaffolding* li normalment jintrama matul il-ġranet tal-festa sabiex jiġi evitat li persuni jitilgħu miegħu. Is-Sindku spjega li kien ser jikkonsulta ma' artist sabiex jitħejja disinn għal din l-istruttura, li jkun jinkludi erba' kolonni ornamentali bil-perspex u bix-xbieha tal-Madonna tal-Grazzja. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

631.3.20 Is-Sindku għamel referenza għaż-żjara tal-Arċidjoċesi fil-Vatikan, li matulha ġiet ippreżentata l-warda, u xtaq jiċċara li la l-Kunsill Lokali u lanqas is-Sindku, fil-kapaċità uffiċjali ta' Sindku tal-lokalità, ma kienu rċevew stedina sabiex jattendu għal din iż-żjara. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li kull min ried imur il-vatikan għat-tberik tal-warda mil-papa seta' ħallas u mar. (Emendati)

**631.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

631.4.1 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-14 ta' Lulju 2026 u s-17 t'Awwissu 2026 li kienet tammonta għal €62,881.99.

**631.5 Deċiżjoni dwar il-kuntratti;**

- **Offerti ta' ġbir ta' skart goff (ZLC 4/2022)**

631.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-kuntratt għall-ġbir ta' skart goff (ZLC 4/2022) li l-Kunsill għandu mas-Sur Salvu Mifsud kien ser jiskadi fil-19 ta' Frar 2027 u billi dan il-kuntratt ma jistax jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

- **Restawr tal-faċċata tal-Mużew tas-Santwarju u tal-Faċċata taċ-Ċimiterju (ZLC1/2025)**

631.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-kuntratt għar-Restawr tal-Faċċata tal-Mużew tas-Santwarju u tal-Ħajt taċ-Ċimiterju (ZLC 1/2025). Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li minkejja li l-Kunsill kien ġedded il-kuntratt, ix-xogħlijiet prevvisti fil-kuntratt kienu għadhom ma tlestewx. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan il-proġett kien qed jitwettaq permezz tal-fondi LESA u x-xogħlijiet ta' restawr għandhom ikunu lesti sa mhux iktar tard minn din is-sena, Diċembru 2026. Is-Sindku ppropona li l-kuntratt jiġi estiż sa mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru 2026 sabiex jingħata ż-żmien meħtieġ għat-tlestija tax-xogħlijiet. Is-Sur Joseph Agius issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

- ***Works Manager – Project Co-Ordinator* (ZLC1/2024)**

631.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt ZLC 1/2024 għas-servizz ta' *Works Manager – Project Co-Ordinator* li għandu mal-Perit Alistair Avallone, kien ser jiskadi u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' jġedded dan il-kuntratt għal sena oħra addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet.

- **Sejħa għall-Offerti għat-tibdil tas-*soft flooring* ta' Ġnien il-Kunsill (ZLC1/2026)**

631.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kienu ġew sottomessi erba' offerti għat-tibdil tas-*soft flooring* ta' Ġnien il-Kunsill (ZLC 1/2026) u ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Il-Bord ta' Evalwazzjoni kien ikkonkluda li żewġ offerti biss kienu teknikament tajba u rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-orħos offerta li kienet mingħand *Gokker Limited* għall-prezz ta' €188,288.88. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk is-*soft flooring* kienx ser jinbidel kollu. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv u nforma lill-Kunsill li l-proġett huwa maħsub li jiġi

ffinanzjat mill-*Planning Funds*. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-proġett kienx ser jitwettaq ukoll f'każ li dawn il-fondi ma jiġux approvati. Is-Sindku kkonferma li f'dak il-każ, il-proġett xorta waħda jitwettaq u jiġi ffinanzjat mill-fondi tal-Kunsill, minħabba li s-*soft flooring* iddeterjora. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System*.

**631.6 Ingaġġ *Administration Officer* I *Reduced Hours* (Skala 12)**

631.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta' *Administration Officer* I *Reduced Hours* (Skala 12). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu kandidata 'A' hija addattata għal din il-kariga u għamel ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjorina Martina Baldacchino li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li kandidata 'A' tiġi mpjegata bħala *Administration Officer* I *Reduced Hours* (Skala 12).

**631.7 Festa f'Ħaż-Żabbar**

631.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-*quotations* relatati mal-kiri ta' *mobile toilets* matul il-Marċ ta' San Mikiel u l-Festa tal-Madonna tal-Grazzja. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti, li bħas-snin preċedenti, matul il-ġranet tal-festa l-latrini pubbliċi ser jinżammu magħluqa għall-pubbliku sabiex jiġi evitat kull abbuż jew att ta' vandaliżmu. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-orħos offerta għall-prezz ta' €3,540, VAT inkluż. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk din is-sena kienx ser jiġi ingaġġat servizz ta' sigurtà fi Ġnien il-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jiġu ingaġġati żewġ uffiċjali tas-sigurtà jew membri tal-Korp tal-Pulizija, skont liema għażla tkun l-aktar vantaġġuża finanzjarjament għall-Kunsill. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa f'liema ġranet kien ser jingħata dan is-servizz. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser jiġu segwiti l-istess ġranet u ħinijiet adottati fis-sena preċedenti.

631.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li ftit minuti qabel kienet irċeviet korrispondenza permezz ta' *email* mingħand is-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiae, li permezz tagħha s-Soċjetà ressqet numru ta' talbiet u osservazzjonijiet relatati mal-organizzazzjoni tal-festa. Fir-rigward tal-ewwel punt, is-Soċjeta informat lill-Kunsill li kienet issottomettiet il-permess bin-numru ZBR-2026-22234 sabiex matul il-perjodu tal-festa jintużaw numru ta' spazji ta' parkeġġ madwar Misraħ tal-Madonna Medjatriċi għall-makkinarju, armar u oġġetti oħra li jintużaw waqt il-festa, bil-għan li l-voluntiera jkunu jistgħu jaħdmu b'mod aktar komdu. Is-Soċjetà informat ukoll li xtaqet tapplika l-istess proċedura fir-rigward tal-ispazju fi Triq il-Karmnu fejn tintrama l-kannizzata, għalkemm għal dan kien għadu ma sarx permess. Is-Sindku spjega li, bħalma jsir fil-każ tal-armar tal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, iż-żoni fejn ikun hemm l-armar normalment jingħalqu bħala parti mill-arranġamenti tal-festa. Is-Sindku qal li fis-snin preċedenti ma kienx hemm problemi f'dan ir-rigward u staqsa jekk kinitx

inqalgħet xi problema partikolari jew jekk il-ħtieġa għal permess kinitx marbuta mal-fatt li l-makkinarju jibqa' fuq il-post għal ċertu żmien wara li tintemm il-festa. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-uniku permess li jista' jinħareġ mill-Kunsill f'dan ir-rigward huwa dak għat-tqegħid ta' materjal jew oġġetti fit-triq, bi ħlas ta' €2.33 għal kull metru kwadru għal kull jum. Is-Sindku qal li, fil-fehma tiegħu, ma kienx hemm il-ħtieġa li jsiru tali permessi separati peress li dawn l-arranġamenti għandhom ikunu koperti mill-permessi tal-festa. Is-Sur Carlo Scicluna qal li seta' kien il-każ li s-Soċjetà ntalbet tagħmel permess sabiex tkun konformi mar-rekwiżiti legali. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ser jitkellem mas-Segretarju tas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiae u, jekk ikun meħtieġ, mas-Supretendent tal-Pulizija sabiex il-kwistjoni tiġi ċċarata. Fir-rigward tat-tieni punt, is-Soċjetà ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għall-gabbani għall-bejgħ ta' ġugarelli li jintramaw biswit il-Mużew tas-Santwarju u talbu li, waqt il-marċi tat-Tlieta, il-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt filgħodu, dawn jitressqu ftit aktar 'il fuq fid-direzzjoni tal-ħanut tat-tiġieġ. Is-Soċjetà spjegat li waqt dawn il-marċi jintużaw diversi oġġetti u armar u li l-mod kif jintramaw il-gabbani jista' jostakola l-passaġġ. Ġie indikat ukoll li t-talba kienet qed issir għal raġunijiet ta' sigurtà, kemm tal-voluntiera kif ukoll tal-pubbliku inġenerali, partikolarment sabiex f'każ ta' emerġenza jkun hemm aċċess adegwat u s-sitwazzjoni tkun tista' tiġi kkontrollata b'mod effettiv. Is-Sindku spjega, li ladarba l-postijiet tal-gabbani jkunu ġew allokati, ma jkunx possibbli li fl-aħħar ġimgħa qabel il-festa jinbidlu l-postijiet tagħhom. Is-Sur Carlo Scicluna qal li t-talba tas-Soċjetà ma kinitx sabiex il-gabbana tingħata post kompletament differenti, iżda sabiex titressaq ftit aktar 'il fuq. Is-Sindku qal li kien ser jitkellem mas-Segretarju tal-Każin dwar din il-materja u qal ukoll li korrispondenza ta' din in-natura kellha tintbagħat lill-Kunsill fi żmien xieraq u mhux fl-aħħar ħin, waqt li tkun għaddejja l-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sur Carlo Scicluna staqsa jekk il-Kunsill jagħmilx kejl tal-gabbani matul il-festa sabiex jiġi vverifikat li d-daqs u l-ispazju okkupat minnhom ikunu konformi mal-kundizzjonijiet tal-permess. Is-Sindku kkonferma li din il-verifika ssir kull sena flimkien mal-pulizija. Is-Sur Scicluna qal li, fil-każ tal-gabbana tal-ġugarelli, din tintrama b'mod goff u tokkupa spazju konsiderevoli. Fir-rigward tat-tielet punt, is-Soċjetà talbet li l-gabbana li tintrama fil-kantuniera ta' Triq il-Kbira faċċata tal-każin ta' St Patrick FC, titressaq kemm jista' jkun 'l isfel, b'mod partikolari waqt il-marċi tat-Tlieta, il-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt filgħodu, minħabba l-loġistika tal-marċi u għas-sigurtà tal-pubbliku. Is-Soċjetà qalet li s-sena preċedenti l-operatur tal-gabbana kien ikkoopera f'dan ir-rigward u talbu li jinżamm l-istess arranġament. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-permess ta' din il-gabbana kien diġà ġie konkluż fuq l-istess arranġamenti adottati fis-sena preċedenti. Fir-rigward tar-raba' punt, is-Soċjetà nformat lill-Kunsill li kemm fil-marċ tal-Ġimgħa kif ukoll f'dak tas-Sibt filgħodu, wara li tispiċċa l-banda, is-Soċjetà tkompli bl-attivitajiet tagħha fi Triq is-Santwarju. Għaldaqstant talbet li f'dawn iż-żewġ ġranet il-gabbana li tintrama biswit l-istatwa ta' San Ġużepp, fil-parkeġġ quddiem Palazzo Pisani, tiġi rilokata temporanjament. Is-Soċjetà spjegat li f'dik iż-żona jkun ser jinħaraq in-nar kif kien sar fis-sena preċedenti, u li r-rilokazzjoni kienet meħtieġa kemm sabiex tiġi evitata ħsara lill-gabbana kif ukoll sabiex iż-żona tinżamm sigura u jkunu jistgħu jiġu osservati l-miżuri stabbiliti fir-*risk assessment* għall-attività. Is-Sindku spjega li tali arranġament huwa suġġett għall-permess u l-approvazzjoni tal-Pulizija u nforma lill-Kunsill li kien ser jitkellem mas-Supretendent dwar il-kwistjoni. Fir-rigward tal-ħames u l-aħħar punt, is-Soċjetà talbet l-assistenza tal-Kunsill fir-rigward tal-

vetturi li jidħlu fi Triq is-Santwarju immedjatament wara li jintemm it-*Te Deum*. Is-Soċjetà spjegat li wħud minn dawn il-vetturi jkunu tal-ħaddiema nvoluti fit-tindif, filwaqt li oħrajn ikunu vetturi ta' persuni li jitħallew jidħlu fit-triq, u li dan joħloq inkonvenjent għall-voluntiera tas-Soċjetà meta jiġu sabiex iniżżlu l-kannizzata u jirritornawha f'postha fi Triq il-Karmnu. Is-Sindku spjega li normalment ikun hemm koordinament sabiex il-vetturi tal-ħaddiema tat-tindif ikunu jistgħu jidħlu u jsir it-tindif meħtieġ, inkluż it-tneħħija tal-fliexken u skart ieħor mit-triq, filwaqt li t-tqegħid tal-kannizzata f'postha tiġi kkoordinat skont it-tlestija tat-tindif u l-ħin tat-traslazzjoni. Is-Sur Carlo Scicluna qal li l-voluntiera jiltaqgħu wkoll ma' diffikulta huma u jirritornaw bil-kannizzata minħabba l-gabbana tal-qubbajd li tkun viċin il-ħanut tal-ikel *turkish*. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser titniżżel nota apposta fil-permess sabiex din il-kwistjoni tiġi ndirizzata u jkun hemm koordinament aħjar. Il-Kaptan Patrick Barbara, b'rabta mad-diskussjoni ġenerali dwar l-arranġamenti tal-festa, issuġġerixxa li għas-sena ta' wara jiġi kkunsidrat tnaqqis fin-numru ta' permessi, filwaqt li qal li l-attivitajiet u l-briju marbuta mal-festi żdiedu.

631.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li kienu tressqu żewġ talbiet ġodda għall-allokazzjoni ta' postijiet għall-bejgħ tax-xemgħat, waħda fi Triq is-Santwarju quddiem il-każin tas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiae u oħra f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Fir-rigward tat-talba f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, is-Sindku qal li kien ser jiġi vverifikat jekk hemmx spazju adegwat fejn tista' tiġi allokata posta ġdida, filwaqt li fir-rigward tat-talba għal quddiem il-każin tas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ, huwa qal li ma kienx hemm spazju disponibbli għal posta oħra. Is-Sindku żied jgħid, li f'każ li jingħata permess għal din is-sena f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, fil-kundizzjonijiet tal-istess permess għandu jiġi ndikat b'mod ċar li dan ma joħloq l-ebda dritt għal snin sussegwenti u li kwalunkwe permess futur ikun suġġett għal deċiżjoni tal-Kunsill. Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill dwar talba ġdida relatata mal-bejgħ ta' ġelat fi Triq tal-Labour. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'dak il-każ jingħata l-aħħar posta li hemm disponibbli. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li persuna kienet ippreżentat affidavit lill-Kunsill li permezz tiegħu ġie ddikjarat li d-detentur tal-permess kien qiegħed iċedi l-permess tiegħu għal din is-sena minħabba kwistjoni relatata mal-permess tat-*Trading License*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dwar dan il-każ, kienet talbet parir legali mingħand l-avukat tal-Kunsill. Il-parir mogħti kien, li jekk il-permess tal-Kunsill Lokali jkun inħareġ f'isem ditta, il-bidla fis-sid tal-istess ditta ma tkunx neċessarjament rilevanti għall-finijiet tal-permess, peress li d-definizzjoni ta' "applikant" fir-regolamenti tinkludi kull individwu, għaqda jew korp ta' persuni, jew entità oħra, li tagħmel applikazzjoni lill-Kunsill taħt l-istess regolamenti. F'dak il-każ, il-Kunsill ma jidħolx fi trasferimenti privati u l-permess jibqa' marbut mad-ditta. Jekk min-naħa l-oħra l-permess ma jkunx inħareġ f'isem id-ditta, il-persuna kkonċernata għandha titqies bħala applikant ġdid skont ir-Regolament 10 u għandha tiġi segwita l-proċedura stabbilita fir-regolamenti. Fid-dawl tal-parir legali mogħti, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-persuna li ppreżentat l-affidavit kienet ser tiġi nfurmata li l-permess ma setax jinħareġ fuq dik il-bażi. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni għal każ ieħor fejn id-detentur tal-permess kien miet u kienet ġiet ippreżentata dikjarazzjoni notarili li tindika li l-permess kellu jgħaddi għand persuna oħra. Is-Sindku qal, li fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni, il-permess għandu jinħareġ. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar dan il-

każ, kienet ser tirreferi l-materja lill-avukat tal-Kunsill għal parir legali. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk tali permessi humiex mogħtija *ad aeternum*. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li fil-każ tal-mewt tad-detentur tal-permess, l-użu ta' art pubblika ma jistax jgħaddi b'wirt lil persuna oħra. Is-Sindku qal li f'dan il-każ il-permess seta jiġi trasferit għax il-każ kien differenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser titlob kjarifika legali dwar dan il-punt mingħand l-avukat tal-Kunsill.

631.7.4 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Grazzja, il-Kunsill kien ser jilqa' delegazzjonijiet minn Montgeron, Eschborn u Póvoa de Varzim, u li l-ikla uffiċjali marbuta mal-festa kienet ser issir il-Ħadd tal-festa wara nofsinhar. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li minkejja li l-istedina mibgħuta mill-Kunsill kienet għal żewġ rappreżentanti minn kull delegazzjoni, il-Kunsill kien ġie informat li minn Eschborn kienu ser jattendu ħames membri, minn Montgeron erba' membri u minn Póvoa de Varzim tlett membri. Għaldaqstant, is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsill jiddeċiedi jekk għandux jaċċetta n-numru ta' membri propost mid-delegazzjonijiet. Is-Sur Carlo Scicluna staqsa liema spejjeż relatati maż-żjara tad-delegazzjonijiet kienu ser jiġu koperti mill-Kunsill. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien ser ikopri l-ispejjeż tal-ikel u tat-trasport. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jilqa' l-membri kollha tad-delegazzjonijiet kif propost. Is-Segretajru Eżekuttiv spjegat wkoll li, bil-għan li jinżammu l-ispejjeż taħt kontroll, minflok tiġi organizzata ikla f'ristorant is-Sibt filgħaxija, kienet ser tieħu d-delegazzjonijiet tisma l-banda ddoqq u jinxtara l-ikel tradizzjonali tal-festa mill-istabbiliment li jinsab fl-ex-venda. Is-Sindku żied jgħid li matul il-ġurnata tal-Ġimgħa kien ippjanat li d-delegazzjonijiet jieklu f'każin lokali. Is-Sindku qal ukoll li mil-llum kienu nfetħu l-applikazzjonijiet għall-allokazzjoni ta' postijiet jew kjosks matul il-ġranet tal-festa. Is-Sindku spjega li kienet diġà saret laqgħa mas-sidien tal-barijiet u li, fir-rigward tal-permessi, kienet ser tiġi adottata l-istess proċedura tas-sena preċedenti, fejn il-Kunsill l-ewwel jipproċessa l-applikazzjonijiet u sussegwentament jgħaddihom lill-pulizija sabiex, fejn applikabbli, tinħareġ in-*no objection* min-naħa tagħhom.

## 631.8 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi

631.8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet ġiet ippreżentata ittra uffiċjali fil-Qorti f'isem ir-resident ta' Triq il-Ward, b'rabta mal-każ dwar l-allegati ħsarat fil-proprjetà tiegħu minħabba siġra taż-żebbuġ li tinsab fuq il-bankina pubblika. Is-Sindku qal li kien iddiskuta din l-ittra mal-avukat tal-Kunsill u spjega li l-Kunsill ser iwieġeb formalment, fejn ser jikkontesta l-kontenut u l-verżjoni tal-fatti kif ippreżentati mir-resident. B'mod partikolari, il-Kunsill ma jaqbilx li l-ħsarat kollha allegati fil-proprjetà huma attribwibbli mis-siġra, filwaqt li ser jiġi enfasizzat li l-Kunsill kien diġà offra soluzzjoni konkreta sabiex isiru l-interventi meħtieġa fuq il-ħajt, iżda ma kinitx ġiet aċċettata mir-resident. Is-Sindku żied jgħid, li wara li tintbagħat ir-risposta formali ser tintalab laqgħa teknika mar-resident u mal-avukati rispettivi sabiex il-kwistjoni tiġi diskussa aktar fid-dettall u jiġi esplorat jekk jistax jintlaħaq kompromess. Is-Sindku tenna li l-Kunsill kien diġà offra li jirranġa l-ħajt u li permezz ta' din il-laqgħa, jista' jkun possibbli li jintlaħaq ftehim dwar din is-soluzzjoni. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li tintbagħat risposta formali skont il-

pożizzjoni spjegata mis-Sindku u li, sussegwentament, tintalab laqgħa teknika bejn il-partijiet ikkonċernati.

## 631.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

631.9.1 Is-Sur Joseph Buttigieg ġibed l-attenzjoni għall-ammont konsiderevoli ta' trabijiet fi Triq il-Vittorja kkawżati minn xogħlijiet ta' kostruzzjoni li għaddejjin fl-inħawi, tant li l-marki taż-żebgħa tal-*parking bays* fit-triq ma kinux għadhom jidhru sew. Is-Sur Buttigieg talab ukoll li tiġi kkunsidrata ż-żieda ta' *parking bay* oħra riservata għall-muturi fil-kantuniera, qabel id-dħul għal Triq it-Tabib Lawrence Fenech.

631.9.2 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li tiġi kkunsidrata *parking bay* oħra riservata għall-muturi fi Triq Spadaro, fil-viċinanzi ta' Triq iċ-Ċulqana. Is-Sindku qal li fiż-żona ndikata ma kienx hemm spazju adegwat fejn setgħet issir *parking bay* oħra. Is-Sur Buttigieg sostna li għandha tinstab soluzzjoni għall-problema eżistenti, peress li matul il-ġurnata ċerti sidien ta' muturi qed jipparkjaw il-muturi tagħhom f'*parking bays* intiżi għall-karozzi sabiex jirriservaw l-ispazju u, meta jirritornaw mix-xogħol filgħaxija, ineħħu l-mutur u jipparkjaw il-vettura tagħhom fl-istess post.

631.9.3 Is-Sur Carlo Scicluna reġa' għamel referenza għall-ilment li kien ressaq dwar vann tal-ħaxix li s-sid tiegħu ta' spiss iħalli l-bieba ta' wara miftuħa u jqiegħed diversi oġġetti fit-triq. Is-Sur Scicluna spjega li immedjatament wara l-vann hemm parkeġġ riservat għall-muturi u li din is-sitwazzjoni qed toħloq inkonvenjent għal min jagħmel użu minn dan il-parkeġġ. Għaldaqstant, kien talab li jiġi kkunsidrat li l-parkeġġ tal-muturi jiġi rilokat f'post aktar adatt, filwaqt li rrimarka li, sa llum, ma kienet ittieħdet l-ebda azzjoni dwar l-ilment imressaq. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien diġà ressaq din il-kwistjoni għall-attenzjoni tal-Pulizija tal-Komunità.

631.9.4 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li kienet tkellmet mal-Kap tal-Iskola ta' St Angela dwar il-fatt li xi vetturi kienu qed jipparkjaw fuq il-*loading/unloading bay* u jitħallew ipparkjati hemmhekk. Is-Sindku spjega li hemm proposta sabiex tinbidel il-konfigurazzjoni tal-*parking bays* fiż-żona u li l-Kap tal-Iskola kienet diġà ġiet infurmata dwar dan. Ix-xogħlijiet huma mistennija li jitwettqu qabel il-bidu tas-sena skolastika. Is-Sindku żied jgħid li, matul dan il-perjodu l-iskola m'hijiex miftuħa u huwa magħruf li matul ix-xhur tas-sajf ma jkunx hemm l-attività skolastika tas-soltu. Madankollu, jekk ikun hemm vetturi pparkjati b'mod irregolari fil-*loading/unloading bay*, il-Kap tal-Iskola tista' tagħmel kuntatt mal-pulizija sabiex jintalab l-infurzar meħtieġ.

631.9.5 Is-Sinjura Anna Calleja ġibdet l-attenzjoni għall-istat ta' għalqa abbandunata fi Triq Villabate, fil-viċinanzi tas-*supermarket*, u staqsiet jekk setgħetx tittieħed azzjoni dwarha. Is-Sinjura Calleja qalet li fl-għalqa kien hemm preżenza konsiderevoli ta' ġrieden. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien diġà ressaq ilment dwar din is-sitwazzjoni quddiem l-Awtoritajiet tas-Saħħa sabiex tittieħed l-azzjoni meħtieġa.

631.9.6 Is-Sur Carlo Scicluna talab li jitpoġġew *bollards* oranġjo fil-kantuniera ta' Triq Bieb is-Sultan ma' Triq is-Saħħara, minħabba li l-vetturi qed iduru viċin ħafna tal-

ħajt, b'mod partikolari minħabba l-konfigurazzjoni perikoluża tad-dawra f'dan il-punt.

631.9.7 Il-Kaptan Patrick Barbara ġibed l-attenzjoni għall-irregolarità fis-servizz tal-ġbir tal-iskart fi Triq il-Fustan. Semma wkoll li f'għalqa fl-istess triq kien qed jiġi mormi materjal ta' kostruzzjoni. Is-Sinjura Anna Calleja rrimarkat li l-istess problema fir-rigward tal-ġbir tal-iskart kienet qed tiġi esperjenzata fi Triq R Agius Muscat. Is-Sindku spjega li matul il-perjodu tas-sajf is-servizz jiltaqa' ma' aktar diffikultajiet minħabba t-temperaturi għoljin. Is-Sinjura Calleja, madankollu, irrimarkat li fi Triq R Agius Muscat il-problema fil-ġbir tal-iskart tippersisti anke matul ix-xhur tax-xitwa. Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa li l-ġbir tal-iskart isir matul il-ħinijiet ta' filgħaxija. Is-Sindku qal li għalkemm jaqbel ma' dan is-suġġeriment, tali arranġament ikun diffiċli li jiġi implimentat minħabba żieda ta' ipparkjar irregolari ta' vetturi fil-kantunieri tat-toroq matul il-ħinijiet ta' filgħaxija, li jillimita l-ispazju meħtieġ sabiex it-trakk tal-ġbir tal-iskart ikun jista' jimmanuvra u jagħmel id-dawriet meħtieġa.

631.9.8 Is-Sur Joseph Agius informa lill-membri li l-kors tal-IT organizzat għall-anzjani, b'kollaborazzjoni mal-FITA, kien ta' suċċess kbir u ntlaqa' tajjeb mill-parteċipanti. Fid-dawl tal-interess muri, il-parteċipanti esprimew ix-xewqa li jattendu kors ieħor, din id-darba dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, organizzat mill-MDIA. Is-Sur Agius spjega li kull sessjoni ser tkun limitata għal sitt parteċipanti sabiex tkun tista' tingħata attenzjoni individwali lil kull persuna. L-ewwel kors ser jingħata nhar it-Tnejn, 31 ta' Awwissu 2026.

**631.10 Mozzjonijiet**

631.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**631.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

631.11.1 Il-laqgħa spiċċat fis-8.30 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-632 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 15 ta' Settembru, 2026.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku